# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

It-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 26.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-membri kollha kienu preżenti għal laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħat preċedenti, jiġifieri minuti numru 24 u 25.

Hawnhekk, il-Kunsillier Frankie Attard ġibed l-attenzjoni dwar punt 24.3.8 dwar ir-rilokar tal-uffċini tal-LESA ġewwa Ta' Kerċem. Huwa qal li peress li fil-laqgħa li għaddiet kellu jkun skużat, jixtieq jgħid li huwa ma jaqbilx li dan l-ufficċju jiġi f'Ta' Kerċem għaliex Ta' Kerċem u Santa Luċija ser ibgħatu minħabba li se jkun hawn aktar wardens iduru u jagħtu aktar ċitazzjonijiet ġewwa Ta' Kerċem milli f'irħula oħra. Is-Sindku qal li huwa jinsab konvint li din mhux ser tkun ir-realta' u qal li minn naħa tal-LESA stess aċċertawh illi l-fatt li ser ikunu ġewwa Ta' Kerċem ma jfissirx li ser jibdew joħorġu f'Ta' Kerċem aktar milli jmorru lokalitajiet oħrajn. Is-Sindku qal li jekk naraw li qed jiġri dan, imbagħad, naraw li niġbdulhom l-attenzjoni.

Wara din id-diskussjoni, il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Dwar il-problema taċ-charging pillar ġewwa Triq Għajn Tuta, is-Sindku fakkar li
saret laqgħa mar-residenti u nkitbet ittra legali minn naħa tal-Kunsill lill-EWA fejn
il-Kunsill Lokali saħaq li din m'għandiex teħel fejn kien maħsub. Is-Sindku qal illi ftit
24.3.2 wara rċevejna mill-EWA illi qed jifhmu s-sitwazzjoni u mhux ser issir. L-EWA issa
qed jitolbu illi ssir fi Triq il-Ġifna fejn Ġnien Ċensu Xiberras. Il-Kunsill Lokali ma
qabilx minħabba diversi fatturi fosthom li din hija area residenzjali u qed jinqalgħu
24.3.3 il-problemi ma' kull waħda li ssir. Apparti hekk, viċin ta' dan is-sit diġa' qed issir
waħda fi Triq Qasam San Ġorġ.
B'kollaborazzjoni mas-Seminarju t'Għawdex, ser inkunu qed nospitaw xi klassijiet
mis-Seminarju fejn ser intuhom ftit informazzjoni dwar x'jiġri fir-raħal, x'jagħmlu l-
24.3.4 għaqdiet, eċċ. Permezz ta' dan il-programm 'Tikka Tikka', il-Kunsill ser joħloq
programm għal dawn l-istudenti biex jiġu tliet darbiet matul din is-sena skolastika.
Dwar l-iskema 'Il-Patrun Tagħna' li ser tinżamm mir-Reġjun t'Għawdex, il-Kunsill

Lokali ddeċieda illi ma jieħux sehem.
Ir-Reġjun t'Għawdex infurmana illi ser issir attivita' bħala *Closing event of the Region of Culture* nhar il-5 ta' Diċembru 2025, ġewwa ċ-Ċittadella. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u ndaħħlu xi affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Ta' Kerċem.
Is-Sindku qara talba mill-Kumitat tal-Festa fejn qed jitolbu l-għajnuna mingħand il-Kunsill Lokali sabiex isiru lezzjonijiet tal-Presepju. Huma talbu Eur700 bħala parti mill-ħlas tal-kors. Il-Kunsill ddiskuta u irreveda l-proposta għal Eur250.
Is-Sindku tal-Qala qed jitlob illi juża t-tinda tal-Kunsill Lokali tagħna għal attivita' li
24.3.5 ser ikollu għal żmien il-Milied. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ddeċieda illi l-ħlas isir lill-Għaqda Nar Kerċem peress li ser jarmawha huma. Madanakollu, irridu niddiskutu mbagħad dwar kif ser isir il-kuntratt.
Is-Sindku qal illi kellmu ċertu wieħed John Cassar li qed jitolbu t-tinda għal attivita' li parti minnha ser tkun attivita' politika. Il-Kunsillier Jonathan Mercieca qal li lilu
24.3.6 talbu s-saqajn tat-tinda. Hawnhekk ġie diskuss jekk il-Kunsill għandux issa jibda jikri t-tinda għal attivitajiet politiċi jew le. Wara diskussjoni ġie deċiż illi t-tinda m'għandiex tinkera għal attivitajiet politiċi.
24.3.7 Is-Sindku spjega illi saret laqgħa mal-WSC wara li l-Enemalta għaddiet il-cable ġdid tagħha minn diversi toroq ġewwa Ta' Kerċem. Lill-Kunsill inġibditlu l-attenzjoni illi bosta servizzi tal-WSC jinsabu f'sitwazzjoni ħażina u għalhekk għandhom jinbidlu s-servizzi qabel ma dawn it-toroq jingħataw it-tarmak mill-Enemalta. Waqt din il-
24.3.8 laqgħa, is-Sindku saħaq mal-WSC dwar l-importanza illi jitranġaw dawn is-servizzi malajr kemm jista' jkun. Il-WSC jidher illi fehmet u wegħduna illi ser jitkellmu mal-kuntrattur sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa.
Is-SE spjegat illi tkellmet mal-librara u qablet illi tibda tiftaħ nhar ta' Erbgħa ukoll bħala addizzjoni mal-ġurnata tas-Sibt. Ir-rata tagħha ser tkun Eur10.20/siegħa, ser titħallas mill-Kunsill tal-ġurnata tal-Erbgħa u ser tibda minn Jannar 2026.
24.4 Dwar il-Playing field, il-Perit Busuttil qed tisħaq illi jekk il-Kunsill mhux ser jaqla l-pavimentar kollu iżda jbiddel biss l-areas ta' fejn hemm il-playing equipment, l-area mhux ser tkun lixxa u mhux ser ikun hemm is-sigurta' meħtieġa. Il-Kunsill mhux jaqbel ma' dan għaliex l-art preżenti tal-istencil għadha f'kundizzjoni tajba ħafna u għalhekk qabel illi nitkellmu ma' Perit ieħor.
Dwar permessi li ma jistgħux joħorġu qabel id-9.30am mit-Tnejn sal-Ġimgħa, il-Kunsill Lokali qabel li għandhom ikunu dawn it-toroq: Xuxa, Ġużeppi Briffa, Il-Bies, Kalandrijiet, San Pietru u San Pawl, Sarġ, San Girgor, Santa Luċija, Pjazza Orvieto u
24.5 Piazza Salvatore Busuttil.
Il-Kunsill Lokali rċieva ittra legali mingħand Anthony Cauchi fejn qed jikkontesta l-penaltajiet li sarulu fuq il-ħlas tax-xogħolijiet tal-magna tad-dris. Il-Kunsill Lokali ser jirrispondi din l-ittra permezz tal-Avukat tiegħu.
Il-LESA bagħtu l-Memorandum of Understanding, ser naqrawh u naraw x'hemm bżonn jinbidel, u jekk inkunu fi qbil, jiġi ffirmat.

## Kennies ġewwa Santa Luċija

24.6 Is-Sindku qal illi kellna xi lmenti minn residenti ta' Santa Luċija illi l-kennies ma

jiġborx trab. Meta tkellimna miegħu, huwa qal illi dan huwa minnu iżda dak kien il-ftehim mill-bidu nett. Huwa ġibed l-attenzjoni illi huwa għadu jitħallas bir-rata ta' xi għoxrin sena ilu. Għalhekk, il-Kunsill qabel li tiġi riveduta r-rata tiegħu iżda jibda ukoll jiknes u jiġbor it-trab.

24.7

## Charging pillar fi Triq Għajn Tuta

Kif issemma aktar qabel f'dawn il-minuti, din ic-charging pillar mhix ser issir.

## Toroq ġewwa Ta' Kerċem

24.8 Is-Sindku qal illi kif jaf kulħadd, it-toroq f'Ta' Kerċem jinsabu fi stat diżastruż. Huwa qal li reġa' wasal iż-żmien li nerġgħu insemmgħu leħinna dwar din il-problema. Għalhekk ġie deċiż li ssir laqgħa oħra mal-Ministru għal Għawdex u Ippjanar.

## Milied 2025

24.9

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' mal-Għaqdiet sabiex tiġi diskussa l-attivita' tal-Milied.

## Jum Bormla 2025

24.10 Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għandu stedina sabiex jattendi għal Jum Bormla nhar id-19 ta' Novembru 2025. Is-Sindku ħeġġeg lill-membri kollha sabiex jattendu.

## Minn Pjazza għal Pjazza

Din l-attivita' issa qed toqrob, qed isiru l-aħħar preparamenti u jidher li hemm xogħol tajjeb ħafna fuqha. Qed naħdmu ħafna biex tkun ta' success u ta' livell għoli.

## Bye-law għat-trakkijiet il-kbar li jgħaddu minn ġo Ta' Kerċem

24.11

24.11.1 Is-Sindku qal illi konna tkellimna illi naħdmu fuq Bye-law dwar il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-trakkjiet tal-kostruzzjoni u miżata li għandhom iħallsu sabiex ikunu jistgħu jgħaddu minn ġo Ta' Kerċem. Din diġa' ddraftjata u l-Kunsill qabel illi għandna mmexxu l-proċess sabiex tiġi attwata.

## Ilmenti u Suġġerimenti

24.11.2

Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab:

- 24.11.3 Mera faċċata ta’ Triq ta’ Doti. Sar qbil li ssir;
- Ħajt tal-ġebel biex jitranġa fuq l-Għadira. Sar qbil li mmorru narawh u naraw x’hemm bżonn isir;
- 24.11.4 Illi tiżdied filata oħra fuq it-tarf tat-triq ta’ Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Sar qbil li nitolbu lill-Ministeru għal Ghawdex u Ippjanar;
- Illi niċċekjaw ma’ tad-drenaġġ peress li ma’ kull xita qed ifur id-drenaġġ fi Triq l-Avukat Anton Calleja. Ser navżaw lill-WSC.

**24.12** Is-Sindku semma illi xi ħadd talbu li ssir crash barrier fuq iż-żnied. Madanakollu, wara li din ġiet diskussa, il-Kunsill ma sabx soluzzjoni ta’ kif tista’ teħel il-crash barrier peress li m’hemmx ma’ fejn teħel.

## 24.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.30pm u ġiet aġġornata għat-28 ta’ Ottubru 2025, fis-2.00pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv